# AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI

Reference Number: PR142414, Press Release Issue Date: Oct 20, 2014

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara analiżi li saret, il-prodott hawn taħt imsemmi ma' għandux jiġi kkunsmat minħabba l-prezenza elevata ta' ħistamina li nstabet fil-prodott.

| | |
|---|---|
| Deskrizzjoni tal-Prodott: | Fletti tal-inċova fiż-żejt taż-żebbuġa |
| Ditta: | deepblue |
| Oriġini: | Spanja |
| Użin: | 48g |
| Deskrizzjoni tal-maħfen: | Landa tawwalija ġo kaxxa tal-kartun |
| Data 'L-Aħjar Qabel': | April 2015 |
| Numru tal-Lott: | A 58 |

pr142414a.jpg

pr142414b.jpg

Il-Kumpanija nvoluta ġiet obbligata tirtira l-prodott mis-suq, iżda peress li probabbilment laħqet nbiegħet lill-konsumatur, bħal ma jsir f'dawn il-każijiet, d-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-publiku.

Għal aktar informazzjoni, il-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' waranofsinhar jew jibgħat imejl fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tal-istess Direttorat li jinsab ġewwa Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera. Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook https://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626?ref=hl jew is-sit uffiċjali fuq https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/environmental-health/department_for_env_health.aspx għal informazzjoni simili.